

Brussell, 10 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9582/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0094 (NLE)**

**ECOFIN 628
UEM 177
FIN 590
ECB
EIB**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Irkupru ekonomiku fl-Ewropa – Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Bażi legali: Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/241) – Adozzjoni

1. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, kif tinsab fid-dokumenti 10150/21 + ADD 1 REV 2, approvat il-valutazzjoni pożittiva tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") ta' Spanja f'konformità mal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2021/241.
2. Dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ġiet emendata aktar tard fis-17 ta' Ottubru 2023, skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, kif jinsab fid-dokumenti 13695/23 REV 1 + ADD 1 REV 1, fl-14 ta' Mejju 2024 skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241, kif jinsab fid-dokumenti 9303/24 + ADD 1, fil-21 ta' Jannar 2025 skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241, kif jinsab fid-dokumenti 17099/24 + ADD 1 u fit-13 ta' Mejju 2025 skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241, kif jinsab fid-dokumenti 8053/25 + ADD 1.
3. Fl-20 ta' Mejju 2025, Spanja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP ma għadux jista' jinkiseb għalkollox minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, Spanja ppreżentat RRP emendat.

4. Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241. Il-Kummissjoni tqis li l-emendi ppreżentati minn Spanja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.
5. Il-Kummissjoni qieset li l-RRP emendat jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, ir-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u li l-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għal Spanja tibqa' l-istess.
6. F'dan il-kuntest, abbażi tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2021/241, fis-26 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja, li tinsab fid-dokumenti ST 9490/25 u ST 9490/25 ADD 1.
7. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji eżamina l-proposta fl-10 ta' Ġunju 2025 u laħaq qbil dwar it-test, soġġett għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti.
8. It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif finalizzat mill-ġuristi lingwisti, jinsab fid-dokumenti ST 9583/25 u ST 9583/25 ADD 1.
9. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-testi, kif iffinalizzati mill-ġuristi lingwisti, ta':
 - a) id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja, kif tinsab fid-dokument ST 9583/25, u
 - b) l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja, kif jinsab fid-dokument ST 9583/25 ADD 1, u
 - jirrakkomanda lill-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni msemmija hawn fuq flimkien mal-Anness tagħha bħala "Punt A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.
